MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 637/2010

**Carmel sive Carlo Schembri**

**vs**

**Mario Hammett**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Mario Hammett fejn dan, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab lil din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nru: 538/02 fl-ismijiet Carmel Schembri vs. Mario Hammett ghas-somma ta’ Lm5,000 ekwivalenti ghal €11,646.87 ghandu jigi revokat totalment jew parzjalment a tenur tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi l-ammont mitlub huwa eccessiv u li mhux gustifikabbli illi dan il-Mandat jibqa’ fis-sehh;

Tikkundanna illi Carmel sive Carlo Schembri ghandu jhallas penali ta’ mhux inqas minn €1164.69 u mhux inqas minn €6988.12 a tenur tal-Artikolu 836 (8) (c) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi dan il-Mandat hareg malizjozament b’mod frivolu u vessatorju, oltre l-fatt illi Carmel Schembri ma kellux dubju, mis-solvenza u mill-abilita’ finanzjarja tal-intimat li jhallas djunu.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta’ Carmel sive Carlo Schembri fejn dan oppona ghat-talba tar-rikorrenti stante li l-esponenti ghadu jippretendi l-kumpens u d-danni kif likwidati ghall-finijiet tal-mandat impunjat, stante li l-kawza fil-mertu ghadha sub judice u dina l-Onorabbli Qorti ma tistax fuq bazi ta’ prima facie tidhol fil-mertu li huwa s-suggett tal-proceduri fil-mertu, u stante li l-inkarigu peritali ghadu ma giex kompletat skond il-ligi u skond id-direttivi ta’ din l-Onorabbli Qorti u li fi kwalunkwe kaz ghad hemm pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti talba ghall-hatra ta’ periti perizjuri.

Rat l-atti tal-Mandat Nru. 280/02 AF.

Semghet id-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-procedura Mario Hammett qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru de quo, u dan a bazi tal-Art. 836 (1) (d) u 836 (1) (f).

Dawn iz-zewg provvedimenti tal-ligi testwalment jipprovdu illi:

“*(d) Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*”

Ikkunsidrat illi jirrizulta illi l-ammont kawtelat permezz ta’ dan il-mandat huwa ta’ Lm5000 ekwivalenti ghal €11,646.87.

Jirrizulta ukoll illi l-ammont stabbilit mill-perit tekniku li jista’ jkun dovut ma jeccedix l-ammont ta’ €4317.

Ghalhekk jirrizulta illi, tenut kont tal-principju illi konsiderazzjoni tal-Qorti f’dan l-istadju hija limitata ghal-livell ta’ prima facie, u tenut kont ukoll illi dan l-ammont ikun perforza jizdied b’ammont ta’ spejjez gudizzjarji, xorta wahda jidher illi l-ammont kawtelat huwa eccessiv.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ l-ewwel talba ta’ Mario Hammett u tirrevoka parzjalment l-imsemmi mandat billi tirriduci l-ammont kawtelat ghal sitt elef Ewro (€6000).

Peress illi ma giet pruvata ebda malizzja da parti tal-istess attur, il-Qorti tichad it-tieni talba ta’ Mario Hammett.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------